KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 29

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 11 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 04 ta'Marzu 2021, fil-5:30pm.**
**Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 04 ta' Marzu, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online
- Anne Fenech — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

**29.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsillier Stephen Cremona nforma li se jittardja.

**29.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (28)**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa 28 ta' l-4 ta'Frar 2021. Il-Minuti 28 ġew approvati kif preżentati.

**29.3 Punti mill-minuti**

**Sit triq il-Qalb ta' Gesu** (qrib BOV )
Il-kunsill ġie nfurmat li saru diversi tentattivi biex isir kuntatt mas-sidien biss dan ma kienx possibbli. Fil-jiem li ġejjien se jsiru tentattivi oħra.

**Mina ta' bejn Triq Bibel u Triq il-Wileġ –**
Il-kunsill għad irid jivverifika dwar minn huma s-sidien.

**Laqgħa Annwali – April 2021**
Il-kunsill approva l-kiri ta' sala għal prezz ta' **€200.00 u €2.50** għal kull persuna li tattendi biex tintuża għall-laqgħa ġenerali. Eskluż mill-prezz hemm il-Vat. Din l-approvazzjoni hi suġġett għall-miżuri ta' metigazzjoni tal-Convid-19 u jekk issirx il-laqgħa f'sala jew le.

**Ismijiet ta' Toroq –**
Permezz ta' ittra, il-kunsill bagħt jinforma lir-residenti milquta li l-isem tat-triq fejn jgħixu kien se jinbidel jew isir ġdid.

**29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**
**Riżenja minn Viċi Sindku**

Fid-19 ta' Frar, 2021 il-Viċi Sindku Daryl Connor informa lis-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill li kien qed jirriżenja b'mod immedjat mill-kariga tiegħu ta' Viċi Sindku biex il-Kunsillier Carlos Zarb jassumi l-istess kariga. Is-Sindku għan-nom tal-kunsill irringrazzjaħ għas-servizz tiegħu. Awgura lil Kunsillier Carlos Zarb għall-ħatra tiegħu.

**Ilment uffiċjali mal-Bord ta' Governanza**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Paul Bugeja ressaq ilment uffiċjali mal-Bord ta' Governanza dwar diskors dispreġġjattiv li allegatament ntqal fil-konfront tiegħu mill-Kunsillier Christopher Vella Petroni fil-laqgħa 28 tal-kunsill li nżammet fl-4 ta' Frar,2021.

**Recordings lagħat tal-kunsill f'Diċembru 2020**

Is-Sindku qal li jrid jirreġistra l-fatt, li minħabba raġunijiet mhux magħrufa l-faċilita ta' on-demand tal-laqgħat li saru fl-10 u l-11 ta' Diċembru, 2020 ma humiex aċċessibbli fuq l-internet minħabba difikultajiet tekniċi. Dan ġie kkonfermat milll-kumpanija Infinite Fusion Technology Ltd, li huma risponsabbli mill-irrekordjar tal-laqgħat tal-kunsill. Id-DLG ġie nfurmat.

**Kumpanija E-movementmalta**

Il-kumpanija e-movemental ressqet rikjesta biex tinstalla stazzjon għal e-scooters biex jintużaw mit-turisti.

Il-kunsill ma approvax ir-rikjesta minħabba li *no objection* għal użu ta' art pubblika toħloq preċident fil-konfront ta' dawk li nvestew fi propjeta privata.

**Riżenja** –

Il-kunsill irċieva riżenja mingħand il-ħaddiem li ġie mpjegat bl-iskema "*Community Inclusive Scheme*" Jidher li l-paga kienet il-fattur ewlieni wara din ir-riżenja. Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill japplika mill-ġdid biex possibilment din l-opportunita tingħata lil ħaddieħor.

Il-kunsill approva. Tiġi annessa ir-riżenja ta' Daryl Connor ma' dawn il-Minuti.

**Lapida Komemorattiva**

Tressqet rikjesta biex f'Daħlet il-Fekruna titwaħħal lapida li tfakkar il-mewt b'aċċident ta' persuna li seħħet li Mgarr, Għawdex.

Il-kunsill ma approvax ir-rikjesta imressqa.

FW: **PC 0082/20**- San Pawl il-Baħar (Burmarrad)

Il-kunsill ġie notifikat li daħlet applikazzjoni li titratta bdil ta' allinjament tal-bini lokazzjoni 74 –76 triq il-Witja, Burmarrad. Il-perit tal-kunsill informa li l-applikazzjoni tfisser;

1. Li jsir twessiegħ ta' sqaq rurali li se jakomoda pparkjar ta' vetturi privati. Dan iwassal biex sqaq rurali tradizzjonali jintilef .
2. Illi, b'dak propost wiċċ it-triq ta' l-isqaq pubbliku jinbidel f'rampa mżerżqa l-isfel biex tintuża għad-dħul u ħruġ ta' vetturi privati. Dan jikkomprometti t-tfassil futuri tat-triq u effettivament ibiddel sqaq pubbliku f'rampa privata.
3. Li tiġi kkrejata problema ġdida ta' traffiku b'konflitt bejn il-vetturi deħlin/ħerġin mir-rampa mal-vetturi li jkunu ġejjien minn Triq il-Witja li hi triq arterjali kif ukoll meta vettura jkollha ħtieġa li tinsaq b'lura fi triq maġġura kull meta vettura oħra tkun ħierġa mill-garaxx..

Fir-rapport tiegħu l-perit jenfażizza l-importanza li din l-applikazzjoni titqies flimkien ma applikazzjoni oħra pendenti PA 06722/19, peress li ta' l-ewwel hi applikazzjoni li tindirizza problemi relatati ma ta' l-aħħar. Altrimenti approvazzjoni ta' PC0082/20 twassal għal approvazzjoni ta' PA 06722/19.

Il-kunsill daħħal ir-rappreżentazzjoni tiegħu minħabba l-fatt li din kellha tiddaħħal sat-3 ta' Marzu, 2021, jum qabel il-laqgħa u wara li rċieva r-rapport tal-perit.

Il-kunsill qabel nem con.

**Xemxija Marina**

Il-kunsill irċieva diversi lmenti dwar il-pjan li fix-Xemxija tinħoloq Marina ġdida għal opri tal-baħar ta'daqs żgħir. Fejn sidien ta' irmiġġi ngħataw struzzjonijiet minn Transport Malta biex ineħħu kull ostakolu sal-20 ta' Marzu, 2021. L-ilmentaturi qedin juru l-preokkupazzjoni tagħhom għall-fatt li l-marina proposta qeda biswit żona riservata għall għawm li l-istess TM tirreklama fuq is-sit uffiċċjali tagħha. Qedin ukoll joġġezzjonaw għall-fatt li l-ebda konsultazzjoni ma saret mar-residenti. Ħeġġew, biex il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar joħroġ stqarrija uffiċjali u jagħmel appell ma Transport Malta biex iż-żona tibqa' bajja naturali u tkun tista' tkompli titgawda mir-residenti kollha tax-Xemxija.

Il-kunsill qabel li tinkiteb ittra uffiċjali lil TM biex fi żmien gimgħa dawn jagħddu lill-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar l-informazzjoni kollha relatata dwar l-iżvilupp ta'Marina ġdida fix-Xemxija, inkluż il-permessi maħruġa, pjanti u dokumenti kollha relatati. Il-kunsill għamilha ċara, li mhux joġġezzjona li ssir il-Marina. Biss, irid jiġi rreġistrat il-fatt, li minn dak li huwa magħruf sa issa, jirriżulta, li l-Marina se ssir biswit żona riservata għal għawm li l-istess TM tirreklama fuq is-sit uffiċjali tagħha. Kien hemm qbil, li jekk dan huwa fatt, il-preokkupazzjoni tal-kunsill se jkun sostanzjali. Ġie nnutat ukoll, li l-ebda konsultazzjoni qatt ma saret mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar minn TM jew xi Awtorita/Entita oħra rigward l-imsemmi proġett, hekk kif hinu obbligu li jsir. Fid-dawl li din l-informazzjoni ma tasalx, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar iżomm jikkunsidra li jfittex rimedji oħra kif meħtieġ.

**29.5 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsit lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv;

1. B'referenza għall-parkeġġ ta' taħt l-iskola primarja ġdida fil-Qawra, skond it-tweġiba fil-laqgħa tal-Kunsill tas-7 ta' Jannar, 2021, il-Kunsill kellu jikteb lill-Prinċipal u lill-Perit tal-iskejjel dwar l-imsemmi parkeġġ. Dan sar? Jekk iva x'kienet it-tweġiba? Naprezza jekk tiġi ppreżentata u mogħtija kopja tal-korrispondenza relatata.

**Risposta:** Il-kunsill kiteb kif ġie deċiż. Fit-tweġiba ntqal li se ssir komunikazzjoni mall-kunsill. Il-korrispondenza għaddiet għand l-interpellant kunsillier.

2. B'referenza għall-parkeġġ ta' taħt l-iskola primarja ġdida fil-Qawra, skond it-tweġiba fil-laqgħa tal-Kunsill tas-7 ta' Jannar, 2021, il-Kunsill ma rċeviex korrispondenza ta' kif ser jiġi mmaniġjat dan il-parkeġġ. Minn dakinhar il-kunsill rċieva xi tip ta' nformazzjoni dwar dan? Jekk iva x'informazzjoni ngħatat? Naprezza jekk tiġi ppreżentata u mogħtija kopja tal-korrispondenza relatata.

**Risposta:** Il-Kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza fuq immaniġġjar tal-parkeġġ.

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv il-mistoqsija segwenti kif ukoll mistoqsijiet oħra relatati ma' boroz tar-riċiklaġġ :

1. Billi l-Kunsill Lokali suppost jirċevi minimu ta' 10,000 roll ta' għaxar boroz kull wieħed, kull tlett xhur, (massimu ta' 12,400 roll ta' għaxar boroz), kemm il-roll (ta' għaxar boroz griżi kull wieħed) rċieva l-Kunsill Lokali matul is-sena 2020 sabiex dawn jitqassmu lir-residenti tal-lokalita'? Dawn tqassmu kollha?

**Risposta:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-informazzjoni qeda tingħabar.

Il-Kunsilliera Anthony Delia staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv;

1.Hemm xi progress rigward l-art ta' ħdejn il-BOV fi triq il-Qalb ta' Ġesu?

2.Hemm xi progress rigward ż-żona tal-logħob tal-Bognor Aquatic Club?

3.Meta se ssir il-laqgħa mal-perit risponsabbli mix-xogħolijiet tas-Simenta?

4.Kien hemm xi żvilupp dwar qbid u kontroll ta'ħamiem?

Is-Sindku nforma li l-informazzjoni ser tinghata iktar 'il quddiem.

**29.6 <u>Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti</u>**

**Rapport ta' Evalwazjoni SPB T 06/2019b Contracts Manager**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li tirrakomanda li l-kunsill japprova li l-kuntratt jingħata lil min tefa l-irħas offerta bil-prezz ta' €114,000.00 (mija u erbgħtax il-elf euro ) exl VAT għal erba snin hekk kif ġie rakomandat mill-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb. Il-kunsill approva.

**29.7 <u>Item: Ħatra ta' Viċi Sindku</u>**

Il-Laqgħa tkompliet billi s-Sindku Alfred Grima stieden lill-Kummissarju tal-Ġustizzja taħtar lill-Kunsillier Carlos Zarb Viċi Sindku permezz tas-segwenti silta;

> "*Inti, Carlos Zarb, li ġejt elett bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, hekk kif indikat fil-gazetta tal-Gvern. Taċċetta l-Kariga ta' Viċi Sindku ta' San Pawl il-Baħar skont Kapitolu 363 Att dwar il- Gvern Lokali, Taqsima III,Art. 25(2) Is-Sinj. Viċi Sindku Carlos Zarb aċċetta din il-kariga.*"

**29.8 <u>Item: ECO-Intermodal Hub Qawra - DN 00152 21</u>**

Il-Ministru ta' l-Enerġija, l-Intrapriżi u Sostenn Sostenibbli ressaq rikjesta għall-approvazzjoni tal-kunsill biex fi triq it-Trunċiera twaqqaf *Hub (kjosk)* li fost l-oħrajn joffri servizz ta' informazzjoni relatati mat-trasport, servizz ta' kiri ta' e-bikes u scooters, kif ukoll vending machine fejn il-klijenti jiddisponu mill-plastic li jkollhom. Dawn il-kjosk se jitmexxew minn kumpaniji privati.

Il-kunsill ma approvax ir-rikjesta minħabba li *no objection* għal użu ta' art pubblika toħloq preċident fil-konfront ta' dawk li nvestew fi propjeta privata.

**29.9 Item: IVECO KBM 554/ kiri ta' Vettura**

B'mod uffiċċjali s-Sindku nforma li l-van tal-kunsill **IVECO KBM 554** ġarrab ħsara konsiderevoli fil-makna li ma jagħmiliex vijabbli finanzjarjament li dan jissewwa.

Konsegwenza ta' hekk, il-kunsill kera vettura bi prezz ta' €13 kuljum eskluż il-VAT għal perjodu ta' bejn 11ta' Frar, 2021 u l-10 ta' Ġunju, 2021 biex taqdi l-ħtiġijiet ta' xogħolijiet fuq barra wara li nħarġet sejħa pubblika.

Tressqet proposta biex il-kirja tal-vettura eżistenti tiġġedded b'4 xhur oħra biex sa l-10 ta' Ottubru, 2021 biex fil-frattemp tinħareġ sejħa pubblika għax- xiri/leasing ta'vettura biex taqdi l-ħtiġijiet ta' xogħolijiet fuq barra. Il-vettura trid tkun ġdida jew ta' mudell sa mhux aktar minn 4 snin użata f'kaz ta'leasing, fejn jinħtieġ li din tkun tista tinstaq b'liċenzja komuni. Il-kobor tal-vettura triq tippermetti li tiġi garaxxjata fil-garaxx tal-kunsill. Ġie propost ukoll li l-kunsill japprova li l-vettura KBM 554 tinbiegħ jew tiġi skrepjata possbilment permezz ta' xi skema.

Il-kunsill approva l-proposti mressqa.

**29.10 Item: Sirens Access Road**

Tressqet proposta minn Sirens ASA biex il-livell tat-triq eżistenti ta' bejn l-pixxijna tal-waterpolo u l-latrina pubblika jgħola biex skond l-applikant ma jintilfux parkeġġi.

Mir-rapport tal-perit tal-kunsill kif ukoll il-pjanti preżentati joħroġ li;

1. B'dak propost se jinħolqu żewġ rampi ġodda waħda fil-bidu tat-triq u oħra fil-parti ta' ġewwa ta' fejn illum hemm parkeġġ eżistenti.
2. Il-livell tar-rampa tad-dħul għall-vetturi se tiġi għola mill-livell tar-rampa li se tintuża mill-persuni deħlin bil-mixi jew b'wheel chair. Iż-żewġ rampi hekk kif proposti se jsiru eżatt maġenb xulxin fil-parti tat-triq li hi l-aktar dejqa.
3. Ir-rampa ntiża li tintuża mill-persuni b'wheel chair ma tidirx li hi konformi mar-regoli AADG 11 maħruġa mic-CRPD fejn jirrigwardja, wisgħa ta' bankina u landings.

4. Jeħtieġ, li l-kolonni eżistenti tal-latrina pubblika jiġu protetti mill-vetturi.
5. Hemm nuqqas ta' informazzjoni relatata mal-qis tar-rampa ta' ġewwa fil-parti li tmiss mal-latrina pubblika.

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex jitkellem il-President tas-Sirens ASA Dr. Lino Vella.

Is-Sindku Alfred Grima stieden lill-kunsill jivvota favur il-mozzjoni mressqa minnu li tgħid, "illi għandu jigi nnutat li l-punt tat-tluq għal proposta mressqa mill-iżviluppaturi kien li jiġu salvagwardjati l-parkeġġi li se jintilfu kawża ta'l-iżvilupp tal-proġett tal-pitch tal-waterpolo. Bl-introduzzjoni ta'rampi ġodda dan ma jidhirx li se jseħħ u għalhekk il-kunsill ma jħoss li għandu jkun favur il-proposta".

Vot Favur: Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Carlos Zarb, Kunsilliera Daryl Connor, Alfred Bray, Anthony Delia, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Mario Salerno, Anne Fenech
Kontra : Ħadd
Astenzjoni: Kunsilliera Graziella Galea, Christ Vella Petroni, Anthony Attard, Antoinette Bezzina
Is-Sindku fakkar li l-Kunsillier għandhom obligu li meta jkunu online jħallu l-kamera mixhewla kontinwament u li jilbsu b'mod dicenti.

**29.11 <u>Item: Cleansing and Maintenance Division – iffirmar ta' MOU</u>**

Il-kunsill approva l-iffirmar ta' MOU bid-dati li ssuġġerit is-Segretarju Eżekuttiv.

**29.12 <u>Item: Laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor Clayton Bartolo</u>**

Il-kunsill ġie nfurmat li fit-8 ta' Frar, 2021 flimkien mal-Kunsillier Paul Bugeja żamm laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor Clayton Bartolo fejn fiha ġew diskussi diversi temi li jikkonċernaw il-lokalita ta'San Pawl il-Baħar. Sussegwentiment, twaqqaf working group iffurmat minn ħames persuni fosthom is-Sindku Alfred Grima biex fejn possibbli jitmexxew

il-quddiem diversi xogħolijiet u proġetti żgħar madwar il-lokalita kollha b'għajnuna diretta tal-Ministeru. Id-diskussjoni ffukat fuq il-possibilita;

- Li l-Ministeru tat-Turiżmu jerġa jalloka l-fondi neċċessarji biex il-proġett tal-Belevedere ta' Triq il-Luzzu jitwettaq.
- Li MTA terġa bħas-snin imgħoddija tħallas l-ispiża biex jiġu riffreskati s-sinjali tat-traffiku ta' triq ta' madwar il-kosta bejn il-Triq il-Knisja u Triq il-Wileġ.
- Fl-anqas żmien possibbli MTA tapprova l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti biex jiġi eliminat il-perikolu eżistenti tal-gallerija li tinsab fi Triq San Franġisk.
- Li b'finanzjarjament ta' MTA jsiru xogħolijiet ta' tisbiħ u aċċessibilita aħjar fl-inħawi tal-banjijiet tas-Salini l jinsabu fl-akkwati tal-moll ta' Buġibba.
- Li l-MTA tgħamel l-almu tagħha biex tipperswadi lill-Ministeru konċernat ħalli l-farmhouse nofsa mwaqqa ta' Triq il-Wileġ (hdejn grawnd Sirens FC) titneħħa u b'hekk jitkompla l-ġnien.

  Il-kunsill wera l-apprezzament tiegħu għal din l-għajnuna.

## 29.13 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi

- **Tiġdid b'sena tat-tender u ħruġ mill-ġdid ta' sejħa pubblika "Servizz ta' Perit"**

  Il-kunsill approva t-tiġdid b'sena tat-tender u ħruġ mill-ġdid ta' sejħa pubblika "Xiri ta' servizz ta' Perit"għax għalaq.

- **Ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri/kiri ta' Propjeta' biex isservi ta' uffiċju tal-kunsill**

  Il-Sindku ppropona li l-kunsill joħroġ sejħa pubblika għal xiri jew kiri ta' propjeta biex isservi ta' uffiċċju amministrattiv għall-kunsill. Dan fid-dawl li l-lokazzjoni ta' l-uffiċju preżenti tiskadi fil-31 ta' Lulju, 2025. Ġie ċċarat, li l-kunsill xorta se jibqa jagħmel enfasi tiegħu ma l-Awtoritajiet konċernati biex il-proġett li jinkludi l-bini ta' uffiċċju amministrattiv gdid fi triq Parades iseħħ.

  Il-kunsill approva.

**Skeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Paul Bugeja ddikjaraw konflitt ta' interess dwar il-pagament numru 164 ta' Infrastruttura Malta. Dan minħabba li huma mpjegata u Direttur ta' IM rispettivament. Għalhekk ma pparteċipawx fid-diskussjoni u l-vot dwar dan il-pagament.

Re-pagament 201 - **€288.90** (kiri ta' van) is-Sindku Alfred Grima qal li qed jipproponi li dan il-pagament jinżamm għax fl-opinjoni tiegħu x-xogħolijiet ma sarux b'nuqqas ta' ħila ta'l-operatur tac-Cherry Picker tant, li ħadd ieħor ħadem. Il-kunsill approva.

Re-pagament 247.03 - **€536.90** Mica Med il-kunsill qabel li dan il-pagament jinżamm sakemm issir il-verifikazzjoni meħtieġa u jekk jinstab li l-kont korrett jitħallas.

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata hekk skond dak deċiż mill-kunsill.

**29.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.30pm fejn din ġiet aġġornata għal 8 ta' April, 2021.

____________________ ____________________

Alfred Grima | Mariella Strout

Sindku | Segretarju Ezekuttiv